**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 649/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marshal Mallia)**

**vs**

**Karen Formosa**
**(ID 349872(M))**

**Illum, 25 ta' Lulju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata **Karen Formosa** ta' 50 sena, bint Saviour u Antonia nee` Xuereb, imwielda l-Pieta` nhar is-27 ta' Lulju 1972, residenti ġewwa 11, J'Adore, Triq Gaspare Pace, Siġġiewi u detentriċi tal-karta tal-identita` numru 349872(M);

Akkużata talli nhar is-16 ta' Awwissu 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

1. Importat, jew ġiegħlet li tiġi mportata jew għamlet xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (*cannabis oil*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti b'assenjazzjoni tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti tas-16 ta' Frar 2023[1];

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Rat illi l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed sabiex terġa' tikkunsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkundizzjonata tal-imputata għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tagħha, il-Qorti tqis illi ma tistax ħlief issib lill-istess imputata ħajta ta' din l-istess imputazzjoni.

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok, id-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur illi l-importazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri kienet għall-użu personali tal-istess imputata, kif ukoll illi s-sustanza kienet tikkonsisti f'likwidu (50 *ml*) li kien fiha ċirka 6% *Tetrahydrocannabinol*.

Qed tqis in oltre l-fedina penali tal-imputata li hija waħda netta, il-fatt illi l-ammissjoni tagħha kienet waħda bikrija u li kkoperat mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 12, 15A, 22(1)(a), il-*proviso* tal-Artikolu 22(1B) u l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed

---

[1] A fol. 6 tal-proċess.
[2] A fol. 2 tal-proċess.

issib lill-imputata **Karen Formosa** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' **multa ta' erba' mija u sebgħin ewro (€470)** li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas minnha b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk hija tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikoli 392Ċ u 533(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħatja sabiex tħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat PS 385 Emanuel Dalli, ammontanti għas-somma ta' mija, tmintax-il ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€118.25) u dan fi żmien tlett (3) xhur mil-lum, kif ukoll l-ispejjeż tal-espert il-Professur Emanuel Sinagra, l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur la darba l-istess espert jippreżenta r-relazzjoni tiegħu.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**